# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

## S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI
## ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 12 ta' Lulju, 2019.**

**Numru 17**

**Rikors numru 115/10SM**

**Nathaniel Spiteri u martu Amanda Spiteri; u Joseph Mifsud**

**v.**

**Emmanuel Mifsud u b'digriet tad-19 ta' Mejju 2010 is-socjeta` Motor Insurance Pool gia` Omnibus Pool giet intervenuta fil-kawza *in statu et terminis***

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat ta' Nathaniel Spiteri et tat-8 ta' Frar, 2010, li permezz tieghu ppremettew:

> "Illi l-esponenti konjugi Spiteri huma proprjetarji tal-'coaches' bin-numru tar-registrazzjoni BCY 932 filwaqt illi l-esponent Joseph Mifsud huwa proprjetarju tal-'coach' bin-numru tar-registrazzjoni KCY 962;

“Illi fit-12 ta’ Jannar 2009 l-imsemmija vetturi gew ipparkjati mill-esponenti Nathaniel Spiteri u Joseph Mifsud gewwa bitha li tinstab gewwa Triq tas-Sliema, kantuniera ma’ Triq G. Miceli, Gzira filwaqt illi l-konvenut Joseph Mifsud ipparkja l-vettura tieghu bin-numru ta’ registrazzjoni CCY 991 aktar tard dak in-nhar stess fl-istess bitha;

“Illi l-ghada 13 ta’ Jannar 2009 filwaqt illi l-istess vetturi proprjeta` tal-esponenti kienu hekk ghadhom ipparkjati fl-imsemmija bitha sfaw distrutti kompletament b’rizultat ta’ hruq li beda fil-vettura proprjeta` tal-konvenut li kkagunar nar li nfirex fuq il-vetturi proprjeta` tal-esponenti u b’konsegwenza l-vetturi proprjeta` tal-esponenti nqwrdu bl-imsemmi hruq;

“Illi peess li l-hruq origina mill-vettura proprjeta` tal-konvenut li hadet in-nar waqt li kienet parkeggjata qrib il-vetturi tal-esponenti u dana kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

“Illi konsegwenza ta’ dan l-incident l-esponenti sofrew danni ghal liema huwa unikament responsabbli l-konvenut;

“Illi peress li l-konvenut debitament interpellat sabiex jaghmel ihallas id-danni rizultanti minn dan l-incident baqa’ inadempjenti;

“Illi l-esponenti jafu b’dan il-fatti personalment;

“Ghaldaqstant, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna, jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex m’ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

“1. Tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghat-telfa tal-‘coach’ bin-numru ta’ registrazzjoni BCY 932 proprjeta` tal-esponenti konjugi Spiteri, u tal-‘coach’ bin-numru tar-registrazzjoni KCY 962 proprjeta` tal-esponenti Joseph Mifsud;

“2. Tillikwida d-danni sofferti mill-esponenti konjugi Spiteri u Joseph Mifsud rispettivament, u dana jekk hemm bzonn bl-opera ta’ periti nominandi;

“3. Tikkundanna lill-istess konvenut ihallas lill-esponenti is-somom hekk likwidati bhala d-danni sofferti minnhom;

“Bl-imghax legali u bl-ispejjez komprizi dawn tal-ittra legali u tal-ittra ufficjali datata 2 ta’ Awwissu 2009 kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni tieghu.”

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Emmanuel Mifsud tat-2 ta’ Marzu, 2010, li permezz taghha eccepixxa:

"1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom;

"2. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi l-atturi jehtiegilhom jippruvaw id-danni li qed jallegaw li sofrew;

"3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri."

Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-20 ta' Marzu, 2014, li permezz taghha ddecidiet il-kawza fis-sens:

"27.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti tiddikjara li fuq il-bazi ta' probabbilta`, qed takkolji t-talbiet kollha tar-rikorrenti u konsegwentement qeghda wkoll tirrespingi r-risposti tal-intimat, u konsegwentement:

"27.1. Tiddikjara li l-intimat Emmanuel Mifsud hu unikament responsabbli ghat-telfa tal-*coach* numru BCY – 932, proprjeta` tar-rikorrenti konjugi Spiteri u tal-*coach* numru KCY – 962, proprjeta` tar-rikorrenti Joseph Spiteri;

"27.2. Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti fl-ammonti segwenti:

"27.2.1. Il-*coach* proprjeta` tar-rikorrenti konjugi Spiteri:

"27.2.1. i. Fl-ammont ta' mija u sittax-il elf, erba' mija u tmienja u sittin Ewro u sebgha u sittin centezmu (€116,468.67);

"27.2.2. Il-*coach* proprjeta` tar-rikorrenti Joseph Mifsud:

"27.2.1. ii. Fl-ammont ta' mija u disat elef, erba' mija u tmenin Ewro u sitta u erbghin centezmu (€109,480.46);

"27.3. Tikkundanna lill-istess intimat Emmanuel Mifsud biex ihallas l-ammonti rispettivi likwidati fil-paragrafu precedenti lir-rikorrenti kif hemm ukoll indikati;

"27.4. Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra l-istess intimat Emmanuel Mifsud, u bl-imghaxijiet dovuti skond il-ligi mid-data tal-ittra ufficjali indikata fl-istess rikors guramentat promotur, senjatament it-2 ta' Awwissu, 2009."

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"13.0. Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

"13.1. Illi fit-12 ta' Jannar, 2009, ir-rikorrenti Nathaniel Spiteri u Joseph Mifsud kienu pparkjaw il-*coaches* rispettivi taghhom bin-numri BCY – 932, u KCY – 962, fil-bitha f'fond fi Triq tas-Sliema, kantuniera ma' Triq G. Miceli, il-Gzira;

"13.2. Illi fl-istess lejl giet ukoll ipparkjata mal-*coaches* fuq indikati l-*coach* bin-numru CCY – 991 proprjeta` tal-intimat Emmanuel Mifsud;

"13.3. Illi fl-istess lejl, il-vetturi imsemmija fiz-zewg paragrafi precedenti sfaw distrutti kompletament u kienu effettivament sussegwentement valutati bhala *"total loss"*;

"13.4. Illi l-istess vetturi kienu hekk distrutti bin-nar li hakem il-fond fejn l-istess *coaches* kienu jinsabu;

"13.5. Illi mix-xhieda mismugha jirrizulta li n-nar wasal fil-*coaches de quo* kien effettivament beda fil-vettura proprjeta` tal-intimat Emmanuel Mifsud, li sussegwentement infirex mal-vetturi l-ohra;

"13.6. Illi skond ix-xhud Carmel Dalli li jsostni li ra l-akkadut, in-nar ikkawza *short* u baqa' miexi 'il quddiem lejn il-batteriji li hemm f'nofs il-*coach* fuq in-naha tax-xufier, (ara fol 44);

"13.7. Illi meta splodew il-batteriji n-nar baqa' jinfirex peress li l-*coaches* huma tal-*fibreglass*, (ara fol 44);

"13.8. Illi l-istess Dalli imsemmi fiz-zewg paragrafi ta' qabel dan, isostni li:

> "Nikkonferma illi rajt in-nar jimxi lejn id-*dashboard* CCY – 991 imbaghad beda jigri fuq it-trakkijiet l-ohra", (ara fol 45);

“13.9. Illi minkejja s-suespost, l-inkjesta kondotta fir-rigward issostni s-segwenti:

> “Minkejja investigazzjoni estensiva ma setax jigi determinat il-kawza ta’ dan il-hruq, jekk kienx minn xi *short circuit*, jew inkella xi att kolpuz da parti ta’ terzi”, (ara fol 70);

“13.10. Illi effettivament tenut kont li instab kontenitur b’xi tracci ta’ *petrol* fih, l-inkjesta *de quo* tikkonkludi li:

> “...it-tekniku wasal ghall-konkluzjoni li ma setax jistabbilixxi l-kawza tal-hruq ...ghaliex jezistu elementi ta’ provi li fl-opinjoni tieghu ma gewx spjegati ghal kollox b’mod konvincenti. Din id-dikjarazzjoin tkompli tqajjem is-suspetti li l-origini ta’ dan il-hruq kien wiehed kolpuz, li jimmerita aktar investigazzjoni minn naha tal-Pulizija”, (ara fol 71);

“13.11. Illi ovvjament ir-rikorrenti sofrew danni ingenti stante li l-*coaches* taghhom inharqu kompletament;

“Ikkunsidrat:

“14. Illi jirrizulta assodat pero` li n-nar beda mill-vettura bin-numru CCY – 991 proprjeta` tal-intimat Emmanuel Mifsud;

“15. Illi kien minn din il-vettura indikata fil-paragrafu precedenti li in-nar infirex ghall-fuq il-vetturi l-ohra proprjeta` tar-rikorrenti;

“Ikkunsidrat:

“16. Illi l-kontenitur b’xi residwu ta’ *petrol* instab fis-saqaf;

“17. Illi ghalhekk kieku l-*petrol* tferrex mis-saqaf fuq il-vetturi ikkoncernati, kieku n-nar kien jibda minn fuq u mhux min-naha t’isfel tal-vetturi kif effettivament irrizulta li beda skond ix-xhieda okulari ta’ Charles Dalli fuq gia` indikat, li kien ukoll l-ewwel persuna li wasal fuq il-post tas-sinistru;

“18. Illi gie wkoll sostenut li f’dawn it-tip partikolari ta’ *coaches* tal-marka Scania, jirrizulta li kien ikun hemm bosta kazijiet simili ghal dak in dizamina;

"19. Illi skont l-*auto-electrician* Joseph Abela jirrizulta li l-vettura bin-numru CCY – 991 tal-intimat li originat in-nar in dizamina kellha diversi hsarat fil-perjodu in dizamina u meta dan hadem fuq din l-istess vettura dejjem hadem fuq problemi li kien qed ikollha fil-batteriji taghha;

"20. Illi jirrizulta pacifiku wkoll li meta r-rikorrenti Nathaniel Spiteri kien dakinhar stess mar isuq din il-vettura CCY – 991, din ma hadmitx;

"Ikkkunsidrat:

"21. Illi fid-dawl tas-suespost, hi l-fehma konsiderata tal-qorti li l-incident in dizamina ma kienx wiehed kolpuz;

"Ikkunsidrat:

"22. Illi isostni l-istess intimat Emmanuel Mifsud fl-affidavit tieghu jirrizulta assodat li:

"...il-*coach* kellha *fault* ftit tal-gimghat biss qabel" (ara fol 134);

"Ikkunsidrat:

"23.0. Illi ghalhekk mill-assjem tal-provi fuq sintetikament elenkati jirrizulta s-segwenti:

"23.1. Illi dan it-tip ta' vettura tal-marka Scania kienu difettuzi proprju f'dan il-kamp partikolari tal-batteriji ghaliex min hu fil-mistjier kien qed isostni li kien hemm diversi kazijiet ta' dan it-tip liema asserzjoni ma gietx ribattuta mill-kontroparti;

"23.2. Illi *di piu`*, l-istess vettura in dizamina, dik bin-numru CCY – 991 proprjeta` ta' Emmanuel Mifsud l-intimat, kien qed ikollha diversi problemi proprju f'dan il-kwartier partikolari taghha billi kien hemm diversi okkazjonijiet fejn ma kienitx qed tiffunzjona tajjeb;

"23.3. Illi peress li jirrizulta li l-intimat fuq indikat kien qed jirrikorri ghand *auto-electrician* minhabba f'hekk, hu kien konxju b'dawn il-problemi hekk riskontrati;

"23.4. Illi gahlhekk, konsapevoli mis-sitwazzjoni kif kienet qed tizviluppa, l-intimat *de quo* kien missu ma halliex il-vettura tieghu tkun garaxxjata b'mod li tista' tohloq hsarat, kif ghamlet, lil terzi;

"Ikkunsidrat:

"24. Illi tenut kont tas-suespost, hi l-fehma ta' din il-Qorti li l-intimat Emmanuel Mifsud ghandu jerfa' ir-responsabbilta` tal-akkadut u ghandu ghalhekk, iwiegeb ghad-danni sofferti mir-rikorrenti rizultat tal-hruq in dizamina li mill-vettura tieghu infirex ghal dawk tar-rikorrenti bil-konsegwenza nefasta kollha li rrizultat;

"25. Illi ghandu jkun pacifiku li gialadarba l-intimat kien konsapevoli mill-prekarjeta` tal-vettura proprjeta` tieghu, bhala *bonus paterfamilias* qatt ma kellu jippermetti li l-vettura tieghu tigi iggaraxxjata b'mod hekk vicin ta' vetturi ohra stante li kellu jkun ovvju ghalih, li dan kien ta' periklu serju ghall-istess vetturi, (ara Brincat et vs Debono, Prim Awla, 25 ta' Mejju, 1984, u Amato vs Agius, Prim Awla, 15 ta' Dicembru, 2003);

"Ikkunsidrat:

"26.0. Illi rigward il-likwidazzjoni ta' danni hekk riskontrati jinghad sintetikament is-segwenti:

"26.1. Illi r-rikorrenti Nathaniel Spiteri kien xtara l-vettura in dizamina ghas-somma ta' mija u sittax-il elf, erba' mija u tmienja u sittin Ewro u seghba' u sittin centezmu, (€116,468.67),(ara fol 50);

"26.2. Illi l-valur fuq indikat fil-paragrafu precedenti kien ukoll rifless f'dak stabbilit mill-espert tekniku nominat biex jassisti fl-inkjesta magisterjali, (ara fol 70);

"26.3. Illi r-rikorrenti Joseph Mifsud min-naha tieghu kien xtara l-vettura in dizamina ghas-somma komplessiva ta' mija disghat elef, erba' mija u tmenin Ewro u sitta u erbghin centezmu, (€109,480.46), (ara fol 117 *et sequitur*);

"26.4. Illi l-valur indikat fil-paragrafu precedenti hu wkoll rifless f'dak stabbilit mill-espert tekniku nominat biex jassisti fl-inkjesta magisterjali, (ara fol 70);

"26.5. Illi mill-analizi tar-rizultanzi in atti ma gie ipprezentat xejn li jikkontribwixxi biex l-istimi fuq indikati jigu b'xi mod disturbati u konsegwentement, munita wkoll bl-istima t'espert tekniku fir-rigward, qed tistrieh fuq l-istess stimi hawn indikati;"

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenut Emmanuel Mifsud, li permezz tieghu appella mis-sentenza hawn qabel citata u talab li din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet premessi, tal-20 ta' Marzu, 2014 u tipprovdi minflok billi tilqa' l-appell u filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tieghu, tichad it-talbiet attrici, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi appellati.

Rat ir-risposta tal-appell tal-atturi Nathaniel u Amanda konjugi Spiteri u ta' Joseph Mifsud, li permezz taghha talbu li din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata u tichad l-appell interpost mill-appellant, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra tieghu.

Rat il-verbal tas-seduta tat-2 ta' April, 2019, fejn wara li d-difensuri tal-partijiet ittrattaw l-appell, dan baqa' differit ghas-sentenza ghal-lum;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluz ix-xhieda u d-dokumenti esebiti in atti;

Ikkonsidrat:

Illi permezz ta' din il-kawza l-atturi qeghdin jitolbu li l-konvenut appellant jigi dikjarat responsabbli u jigi kkundannat ihallas id-danni li huma batew rizultat ta' nirien li hakmu l-*coach* tal-konvenut li kellha n-numru ta'

registrazzjoni CCY-991, waqt li kienet ipparkjata f'bitha ta' fond fil-Gzira, liema nar infirex u hakem lil zewg *coaches* ohra li kellhom in-numru ta' registrazzjoni KCY-962 u BCY-932, proprjetà tal-atturi li kienu pparkjati biswit l-istess vettura. Kwindi talbu li jigu likwidati d-danni mgarrba minnhom, u li l-konvenut jigi kkundannat ihallas l-istess danni, bl-imghax u l-ispejjez.

Il-konvenut, li kellu l-vettura tieghu assigurata mas-socjetà intervenuta fil-kawza, jichad li l-akkadut kien rizultat ta' xi responsabbilità jew nuqqas tieghu u li fi kwalunkwè kaz jehtieg li l-atturi jippruvaw id-danni li jallegaw li sofrew.

L-ewwel Qorti sabet li fuq bazi ta' probabbilità l-atturi rnexxielhom jippruvaw il-kaz taghhom u ghalhekk iddikjarat lill-konvenut unikament responsabbli ghat-telfa mgarrba mill-atturi; illikwidat id-danni u kkundannat lill-konvenut sabiex ihallas id-danni hekk likwidati minnha, bl-ispejjez u bl-imghax dovut jiddekorri mid-data tal-ittra ufficjali.

Il-konvenut hassu aggravat bis-sentenza tal-ewwel Qorti u dan ghal erba' ragunijiet partikolari:

(i) fl-ewwel lok iqis li s-sejba ta' responsabbilità tieghu ghad-danni bhala wahda nfondata u ngusta;

(ii) fit-tieni lok jikkontesta l-*quantum* tad-danni kif likwidati peress li jqishom bhala esagerati u mhux realistici peress li ma jihdux konsiderazzjoni ta' certu fatturi determinanti;

(iii) taht it-tielet aggravju jikkontesta li gie kkundannat ihallas l-imghax retroattivament ladarba t-talba attrici hija wahda *da liquidarsi;* u

(iv) fir-raba' lok ma kellux jigi kkundannat l-ispejjez kollha, peress li l-intervenut fil-kawza kellu jbati l-ispejjez tieghu stess.

Fl-ewwel aggravju tieghu l-appellant jikkontesta l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel Qorti in kwantu jikkontendi li meta gew skartati r-rizultanzi tal-inkjesta sabiex minflok sawret il-fehma taghha madwar ix-xhieda ta' Carmel Dalli, l-ewwel Qorti kienet zbaljata, tant li fil-fehma tieghu certu konsiderazzjonijiet maghmula minnha huma kontradittorji, meta mqabbla mal-konstatazzjonijiet tal-fatti u l-konkluzjonijiet milhuqa minnha. Jishaq li l-ewwel Qorti warrbet il-konkluzjonijiet tal-inkjesta fejn irrizulta li mill-investigazzjonijiet ma rrizultax x'kienet il-kawza tal-hruq u meta njorat ir-rizultanzi tal-investigazzjonijiet tal-Pulizija, hija bbazat ruhha fuq ipotezijiet u fatti generici. Dan meta l-konvenut appellant jishaq li huwa kien jiehu hsieb li ssir manutenzjoni regolari tal-vettura tieghu b'mod skrupoluz, li zgur ma setax jitqies negligenti. Inoltrè fic-cirkostanzi tal-kaz, jishaq li ma giex ippruvat in-ness bejn l-incident u l-agir tieghu.

Jibda billi jigi osservat illi din il-Qorti bhala wahda ta' revizjoni ma tiddisturbax leggerment l-apprezzament maghmul mill-ewwel Qorti, sakemm wara li tkun ezaminat il-provi mill-gdid, ma tirrizultax raguni gravi, u tintervjeni biss jekk tirradika fiha l-fehma li l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti huwa manifestament zbaljat, b'mod li jekk tibqa' tregi l-konkluzjoni bbazata fuqu, tkun qed issir ingustizzja manifesta lejn xi parti.

Inotrè rigward il-materja ta' provi, din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija fit-12 ta' April, 2007, minn din il-Qorti (Sede Inferjuri), fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Tonna v. Philip Azzopardi**, fejn jinghad:

> *"a. Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova ta' l-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), sija fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta il-pretiza ta' l-attur (reus in excipiendo fit actor) – Ara Vol. XLVI/i/5.*
>
> *b. Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista joxxilla minn parti ghall-ohra, ghax, kif jinghad, 'jista jkun gie stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi ta' l-attur hija sostenuta' – Ara Vol. XXXVII/i/577;*
>
> *c. Il-gudikant adit mill-meritu tal-kaz hu tenut jiddeciedi iuxta allegata et probata, u dan jimporta illi d-decizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jigifieri, minn dawk ic-cirkustanzi tal-fatti dedotti ghab-bazi tad-domanda jew ta' l-eccezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir bazi tar-regola legali tal-gudizzju in kwantu timponi fuq il-gudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux ippruvat;*
>
> *d. Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-principju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter*

> *diskrezzjonali ta' l-apprezzament tar-rizultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu. Naturalment dik id-diskrezzjoni tieghu hi soggetta ghal dak il-limitu legali impost fuqu mill-artikolu 218 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li jrid li fis-sentenza tinghata motivazzjoni ragonata li tikkonsenti l-kontroll tal-hsieb logiku segwit fuq appell interpost mis-sentenza. Motivazzjoni din, li jekk jinstab li tirrispondi mal-logika u r-razzjonalita, kif ukoll koerenti ma' l-elementi utilizzati allura skond gurisprudenza konkordi, ma tigix disturbata minn Qorti ta' revizjoni – Ara b'ezempju Ramchand Kilumal noe vs Jessie Blanco – App. 30 ta' Gunju, 1912 (Vol. XXIV/i/104)";*

Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, jirrizulta li huwa minnu li f'kazijiet ta' din ix-xorta mhux dejjem facli ghal min ikun ressaq il-kawza, li jgib il-prova ezatta dwar x'ikun ikkaguna n-nar li wassal ghad-dannu mgarrab. Sahansitra f'dan il-kaz, l-espert in materja fl-inkjesta magisterjali, jirriskontra certu diffikultà sabiex jigi stabbilit is-sors jew il-kawza tal-hruq. Madankollu jekk mir-rizultanzi tal-provi, jigu riskontrati certu nuqqasijiet da parti tal-konvenut fl-operat tieghu, dan huwa bizzejjed sabiex fil-konsiderazzjonijiet tal-gudikant jsejsu r-responsabbilità ghall-akkadut marbuta mal-konsegwenza probabbli ta' dawk in-nuqqasijiet.

Minn ezami tal-provi in atti jirrizulta li l-kontendenti fil-kawza Nathaniel Spiteri, Joseph Mifsud u Emanuel Mifsud, ilkoll sidien ta' tliet coaches, kienu jipparkjaw il-vetturi taghhom fil-fond, numru 20, Sliema Road Gzira, proprjetà ta' Joseph Mifsud. L-attur Nathaniel Spiteri jispjega li meta mar biex johrog il-*coach* tal-konvenut nhar it-12 ta' Jannar, 2009,

sabiex ikun jista' johrog il-*coach* tieghu, din il-vettura ma riditx taqbad u fil-fatt cempel lill-konvenut sabiex jinfurmah. Aktar tard il-konvenut infurmah li rnexxielu jqabbad l-istess vettura. Filwaqt li l-attur Nathaniel Spiteri u s-sewwieq Matthew Polidano, impjegat mal-attur l-iehor Joseph Mifsud, dahhlu l-vetturi taghhom fil-fond in kwistjoni wara nofsinhar, Aaron Sultana, x-xufier inkarigat mill-konvenut sabiex isuq il-vettura tieghu, dahhal il-*coach* CCY-991 gewwa l-fond ghall-habta ta' nofs il-lejl. Gara li matul il-lejl bejn it-12 u t-13 ta' Jannar, 2009, qabad nar fil-*coach* bin-numru CCY-991, proprjetà tal-konvenut, u li n-nar minnu nfirex ghaz-zewg *coaches* l-ohra proprjetà tal-atturi. Dan jirrizulta mhux biss mix-xhieda tal-attur Joseph Mifsud, izda wkoll minn dik ta' Charles Dalli, xhud dizinteressat li ssejjah fuq il-post sabiex jaghti l-ghajnuna u ghalkemm dan ix-xhud gab xi cilindri tal-*pyrene* halli jkun jista' jintefa n-nar, ma setghux jutilizzawhom peress li l-attur Joseph Mifsud, bil-fixla ma setax isib ic-cwievet. Dalli jispjega li ra n-nar jaqbad minn gol-*coach* tal-konvenut (fejn hemm il-magna peress li seta' jara n-nar mill-ventilaturi tal-*booth* tal-vettura) u jinfirex 'il quddiem u wara li splodew il-batteriji li jkun hemm fin-nofs tal-vettura, baqa' jinfirex in-nar 'il quddiem.

Ghalkemm mill-proćes verbal jirrizulta li mill-investigazzjonijiet ma setax jigi determinat il-kawza tal-hruq, jekk kienx minn *short circuit* jew minn att kolpuz da parti ta' terzi persuni, relevanti huma zewg konsiderazzjonijiet. L-ewwel wiehed huwa li dawn it-tip ta' vetturi kienu

mghammra b'zewg *cut out switches* sabiex il-provvista tal-kurrent elettriku tinqata' mill-batteriji. Il-*main switch* hdejn il-batterija qatt ma kien jintefa, izda l-prattika tax-xoghol kien li jintefa s-*switch* li jkun hemm hdejn il-pedala fil-kabina. Is-sewwieq tal-vettura tal-konvenut, Aaron Sultana fix-xhieda tieghu kemm quddiem il-magistrat inkwirenti, kif ukoll quddiem l-ewwel Qorti, ma setax jiftakar jekk dakinhar kienx tefa s-*switch* li kellu fil-kabina jew le. L-iehor huwa li fil-kors tal-investigazzjonijiet instab kontenitur imdewweb li kien fih tracci ta' *petrol.* Il-fatt li l-vetturi pparkjati fil-fond in kwistjoni jahdmu bid-*diesel* kompla jkabbar is-suspetti tal-investigaturi li l-origini tal-hruq seta' kien wiehed kolpuz. L-espert tekniku Dr. Alfred Vella wasal ghall-konkluzjoni li ma setax jistabilixxi l-kawza tal-hruq b'mod li tista' tissodisfa l-ezigenzi tal-ligi, peress li kienu jezistu elementi ta' provi, li fl-opinjoni tieghu ma gewx spjegati b'mod konvincenti.

Kwindi l-magistrat inkwirenti kkonkluda billi ordna lill-Ispettur investigattiv, sabiex ikompli bl-investigazzjoni tieghu. L-espert tekniku Dr. Alfred Vella ma tressaqx sabiex jixhed f'dawn il-proceduri. Madankollu xehed l-Ispettur Stephen Mallia, li spjega li huwa kellu l-possibilità li jinvestiga fuq zewg binarji, fis-sens li l-akkadut kien jew wiehed accidentali jew doluz u li sa fejn jaf hu ma ttiehdu ebda passi fil-konfront ta' xi persuni, peress li ma kien hemm ebda suspetti. Din il-prova ma gietx kontradetta.

Meqjusa bhala mill-aktar relevanti hija x-xhieda tal-konvenut appellant u ta' Aaron Sultana, mpjegat mieghu bhala xufier tal-vettura CCY-991. Jirrizulta li din il-vettura kienet bdiet timmanifesta xi hsarat sa minn xahar qabel l-akkadut. Fl-10 ta' Dicembru, 2008, ix-xufier cempel lill-konvenut sabiex jinfurmah li kien hemm xi hsara fil-vettura u haduha ghand *auto-electrician* li jismu Joseph Abela, fejn inbidlu xi fuses (ara fattura Dok. NS9). Ghalkemm Abela ghamel xi tiswijiet, ftit tal-jiem wara, fit-22 ta' Dicembru, 2008, rega' kien hemm problema fil-vettura u din id-darba nbidlu z-zewg batteriji. Il-konvenut appellant jixhed li l-vettura ma ntuzatx fil-perjodu tal-Milied u li regghet bdiet tintuza fis-7 ta' Jannar, 2009. L-attur Spiteri fit-12 ta' Jannar, 2009, infurmah li l-*coach* tieghu "*ma startjax*", izda meta mar ix-xufier tieghu dan irnexxielu jqabbdu u telaq ghax-xoghol. Izda nteressanti huwa dak li jinghad mix-xufier tal-vettura in kwistjoni meta xehed: *"Il-problema li kellu dan it-trakk kien li filghodu ma kienx jistartja, konna nqabduh bil-buwster."*

Fil-fehma ta' din il-Qorti, ghamlet sew l-ewwel Qorti meta kkonkludiet li l-atturi rnexxielhom jippruvaw fuq bazi ta' probabbilità li kien il-konvenut appellant unikament responsabbli ghall-akkadut. Dan jinghad peress li jinsab provdut fil-ligi li min jonqos li jaghmel uzu mill-prudenza, diligenza u l-hsieb ta' *bonus pater familias*, jitqies in kolpa, u ghandu jwiegeb ghad-danni li jsegwu. Mill-provi in atti, fuq ix-xhieda ta' Carmel Dalli, din

il-Qorti tinsab konvinta li n-nar beda mill-vettura proprjetà tal-konvenut appellant. Il-htija tal-konvenut mhuwiex il-fatt li n-nar qabad mill-vettura tieghu *per se,* izda tmur lura ghall-katina ta' grajjiet li sehhew qabel l-akkadut, cioè bil-fatt li minkejja li l-vettura in kwistjoni kienet qeghda timmanifesta l-problemi, huwa baqa' jaghmel uzu minnha. Il-konvenut ma hax il-prekawzjonijiet mehtiega meta wara li nbidlu l-batteriji tal-vettura, regghet bdiet timmanifesta problema, tant li fi kliem ix-xufier kellha titqabbad permezz ta' *boosters.* Din kienet indikazzjoni cara li l-vettura kien jehtieg li tinghata l-attenzjoni minn min jifhem, ladarba fi kliem il-konvenut stess, huwa ma kienx jifhem f'dawn l-affarijiet, u mhux ihalli lix-xufier jibqa' ghaddej bil-gurnata tax-xoghol qisu qatt ma gara xejn!

Kif inghad minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tat-23 ta' Novembru, 1921, fil-kawza fl-ismijiet **Ingegnere Frank Calafato v. Carmel Grech** (Vol. XXIV.1.894):

> *" … quando in un giudizio di risarcimento di danni l'attore allega d'aver sofferto il danno … per colpa del convenuto, egli e' nell'obbligo di provare un fatto od una omissione che parti insita la prova della colpa che egli imputa al convenuto … poiche' la colpa e' un ipotesi giuridica e generica finche' sta nella disposizione della legge o nei trattati di scienza giuridica, ma deve assumere una forma materiale e specifica quando si imputa ad altri come cagione di danni sofferti e risarcibili. Occorreva quindi che nella causa fosse risultata la colpa specifica del convenuto, consistente in un fatto o una omissione …";*

Meta din il-Qorti tapplika dan il-principju ghall-kaz in ezami, ssib li kuntrarjament ghal dak li jinghad mill-konvenut appellant l-agir tieghu ma kienx ta' wiehed skrupoluz. L-atturi appellati tabilhaqq irnexxielhom jippruvaw in-ness kawzali bejn l-incident innifsu u l-agir tal-konvenut, in kwantu n-nuqqas tal-konvenut li jiehu azzjoni f'waqtha hekk kif l-istess attur Nathaniel Spiteri nfurmah li l-vettura tieghu ma kenitx qeghda tistartja l-ghodwa tat-12 ta' Jannar, 2009, meta kienu ghadhom kemm inbidlu l-batteriji tal-*coach* tieghu madwar ghoxrin gurnata qabel, kellha tkun avviz bizzejjed ghalih li l-vettura kellha xi haga hazina li kienet timmerita l-attenzjoni. Kien in-nuqqas tal-konvenut li jiehu l-azzjoni xierqa f'waqtha li wassal ghall-akkadut.

Ghalhekk din il-Qorti taqbel mal-konkluzjoni tal-ewwel Qorti li l-konvenut ghandu jinzamm responsabbli ghall-akkadut u konsegwentement ghandu jirrispondi ghad-danni. Isegwi li l-ewwel aggravju tal-konvenut appellant ma jimmeritax li jintlaqa' u ser jigi michud.

Dan iwassal ghat-tieni aggravju, dak fejn il-konvenut appellant jilmenta dwar il-quantum tad-danni likwidati peress li l-ewwel Qorti bbazat l-ammont ta' danni fuq il-valur tal-vetturi meta nxtraw mill-atturi kif pretiz minnhom u ma nghata ebda qies tad-deprezzament tal-vetturi kkoncernati. Ghalkemm il-vetturi tal-atturi setghu kienu mizmuma tajjeb, jibqa' l-fatt li l-vetturi kienu qeghdin jintuzaw, u l-valur taghhom maz-

zmien xorta jonqos. Isegwi li fil-fehma tal-appellant l-ewwel Qorti ma kenitx realistika meta llikwidat dawn id-danni.

Din il-Qorti taqbel perfettament ma' dan l-aggravju tal-konvenut appellant, in kwantu jinsab assodat fil-gurisprudenza li d-dritt ta' sid li wara incident li fih tigi danneggjata vettura jitlob kumpens, ghandu jitqies fil-kuntest li d-danneggjat ghalkemm ghandu jigi kkumpensat ghad-danni li jkun bata, ghandu kemm jista' jkun possibbli, jerga' jitqieghed fl-istat li kien qabel l-incident. Hekk inghad fis-sentenza deciza fit-23 ta' April, 1965, mill-Qorti tal-Appell Kummercjali, fil-kawza fl-ismijiet **John Tufigno v. Joseph Micallef noe**: *"in tema ta' kompensazzjoni ta' danni, l-attur ghandu kemm jista' jkun jigi mqieghed fil-posizzjoni li hu kien ikollu kieku ma gietx kaggjonata l-hsara".* (Kollez.Vol. XLIX.i.526).

Fi kliem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha tat-28 ta' Marzu, 2003, fil-kawza fl-ismijiet **Michael Camilleri v. Joseph Saliba et:**

> *"il-principji generali regolanti materja ta' rizarciment ta' danni, kompriz ghalhekk id-deprezzament, hi di regola li d-danneggjat ghandu dritt jikkonsegwixxi rizarciment li jirrientegra l-patrimonju tieghu minn kull konsegwenza ekonomika ta' l-event dannuz u ghalhekk f'kaz ta' rizarciment par equivalent ghandu jikkonsisti f'somma li tekwipara l-valur ta' l-utilitajiet mitlufa" - "Antonia Zammit -vs- Mario Calleja", Appell, Sede Inferjuri, 12 ta' Jannar 1977; "Edgar Sant -vs- Peter Borg", Prim' Awla, Qorti Civili, 3 ta' Ottubru 1979;"*

Issa fi kliem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha tad-9 ta' Jannar, 2002, fil-kawza fl-ismijiet **Carlos Cordina v. Jason Zammit:** "*Mizmuma kemm tkun mizmuma tajjeb vettura din ma izzommx il-valur taghha ta' meta tkun inxtrat*." Kwindi ma taqbilx mal-appellati meta jinghad minnhom li fil-proćes verbal jirrizulta li t-tekniku Philip Zammit ghamel stima ta' dawn it-tliet coaches qabel l-incident fl-ammont ta' €116,500. Il-fatt jibqa' li dan it-tekniku adotta l-prezz ta' hlas ta' wahda mill-vetturi, minghajr ebda konsiderazzjoni ulterjuri u li ma tressaqx jixhed fil-proceduri odjerni sabiex isostni tali stima. Certament dan ma jistax jittiehed bhala l-ahjar prova. Relevanti hija l-konsiderazzjoni maghmula fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tat-3 ta' Lulju, 2002, fil-kawza fl-ismijiet **Cecilia Attard Pirotta et v. Marianne Farrugia**, fejn inghad:

> *"..meta karozza tohrog fit-triq anki jekk tkun ilha ftit granet bhal dik ta' l-attrici tkun tilfet ammont ragonevoli mill-valur taghha kieku kellha tigi biex tbieghha anki xahar wara li nharget fit-triq; dejjem tibqa' karozza sekondo man u allura l-Qorti ma hiex ser tibda mill-prezz inizjali … imhallas mill-attrici"*

Huwa normali li f'kazijiet simili jigi applikat deprezzament ta' 10% mill-prezz originali tal-vettura. Kif citat b'approvazzjoni minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tal-25 ta' Settembru, 2006, fil-kawza fl-ismijiet **Elmo Insurance Services Limited noe et v. Trevor Vassallo:**

> *"…rigward 10% depreciation value dedott mill-prezz originali tal-vettura, il-Qorti tosserva li din hija konformi mal-prassi segwita mis-socjetajiet tal-assikurazzjoni fil-komputazzjoni tad-deprezzament ta' vetturi wara li jkunu nxtraw l-ewwel darba, u, ghalhekk il-Qorti ma ssib xejn x'ticcensura f' dan ir-rigward;*

> *multo magis meta fil-kaz odjern, kif irrizulta ampjament mill-provi, l-hsara kienet estensiva…"*

Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, ghalkemm mhux kontestat li l-vetturi wara l-incident spiccaw *total loss,* kif jixhdu r-ritratti in atti, jibqa' l-fatt li kellu jittiehed qies ta' kemm ghadda zmien minn meta l-istess vetturi nxtraw ghall-fini tal-komputazzjoni ta' danni. Mill-provi in atti jirrizulta li permezz ta' skrittura datata 7 ta' Marzu, 2006, (ara Dok. NS1) l-attur Nathaniel Spiteri xtara l-vettura tieghu bil-prezz ta' Lm50,000 (ekwivalenti ghal €116,468.67) mentri l-incident sehh fit-13 ta' Jannar, 2009. Kwindi meta din il-Qorti tapplika d-deprezzament ta' 10% ghal kull sena bejn l-2006 u l-2009, issib li l-valur reali tal-vettura BCY-932 meta sehh l-incident huwa dak ta' €84,905.66. Din hija s-somma spettanti lill-atturi appellati Nathaniel u Amanda Spiteri bhala danni attwali ghat-telf mgarrab minnhom tal-vettura taghhom.

Min-naha l-ohra, fil-kaz tal-attur Joseph Mifsud jirrizulta li huwa xtara xarabank tal-marka Bedford bi tpartit permezz ta' kuntratt ta' permuta fl-atti tan-Nutar Dottor Angelo Vella tal-10 ta' Lulju, 1998, (esebit bhala Dok JM1) liema xarabank kien dakinhar dikjarat bil-valur ta' Lm19,000 (ekwivalenti ghal €44,258.09). Sussegwentement dan ix-xarabank gie mpartat mal-*coach* tat-tip Scania Ghabbour bin-numru ta' registrazzjoni KCY-962 permezz ta' ftehim tal-24 ta' Dicembru, 2007 (Dok. JM2). Apparti l-permuta l-attur hallas b'ekwiparazzjoni s-somma ulterjuri ta'

€65,222.46. Din il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni tal-atturi li dawn iz-zewg figuri ghandhom jigu maghduda flimkien bl-ghan li jigu stabbiliti d-danni mgarrba mill-attur Joseph Mifsud. Izda l-ewwel jehtieg li jsir id-deprezzament ta' 10% fuq l-ammont ta' €44,258.09 ghal kull sena fuq medda ta' disa' snin (bejn l-1998 u l-2007) li jwassal ghall-figura ta' €17,135.86, li maghha jinghad l-ammont ta' €65,222.46 imhallas minn Joseph Mifsud f'Dicembru tas-sena 2007, sabiex jixtri l-vettura in kwistjoni, li jaghmel total ta' €82,358.83 u jsir deprezzament ulterjuri ta' 10% ghal sena ohra li jgib l-ammont ta' €74,122.49. Din hija s-somma dovuta lill-attur appellat Joseph Mifsud bhala danni ghat-telf tal-vettura tieghu.

Isegwi li dan it-tieni aggravju tal-konvenut appellant jimmerita li jintlaqa' u ser jinghata l-provvediment opportun kif appena spjegat.

Ghandu ragun il-konvenut appellant ukoll fir-rigward tat-tielet aggravju, meta jilmenta li ladarba d-debitu tieghu ma kienx likwidat, huwa ma seta' qatt ihallas jew jiddepozita s-somma taht l-awtorità tal-Qorti, peress li f'kawza ghad-danni l-imghax jista' jinghata retroattivament jew fejn l-ammont ikun debitament jirrizulta mill-pretensjonijiet attrici jew fejn ikun wiehed facilment determinabbli. Din il-Qorti ma taqbilx mal-paragun maghmul mill-atturi appellati, in kwantu dan mhux kaz ta' spoll u lanqas jirrizulta li l-konvenut kien jahti ghal xi dewmien fil-kawza.

Isegwi li m'ghandux jigi applikat il-principju ta' *malitiis non est indulgendum.* Lanqas m'ghandu x'jaqsam il-fatt li l-atturi ma talbux telf ta' qliegh li garrbu mid-data tal-incident 'il quddiem. Il-Qorti hija marbuta li tiddeciedi a bazi tat-talbiet attrici, l-eccezzjonijiet tal-konvenut u tar-rizultanzi probatorji in atti. Hekk ukoll il-fatt li fil-proćes verbal jinghad li t-tekniku Philip Zammit ghamel stima ta' dawn it-tliet coaches qabel l-incident fl-ammont ta' €116,500 il-wahda, minghajr ebda distinzjoni, m'ghandhiex tittiehed bhala prova tad-dannu, peress li kif rajna qabel, id-danni ghandhom jinhadmu mod iehor.

Ladarba t-talba tal-azzjoni attrici hija *da liquidarsi*, hekk ukoll, fejn l-ammont likwidat ma kienx wiehed facilment determinabbli, l-principju adoperat dejjem ghandu jkun dak ta' *in illiquidis non fit mora.* F'dan ir-rigward, issir referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti tas-6 ta' Frar, 2015, fil-kawza fl-ismijiet **Emanuel Hayman et v. Mary Caruana et.,** peress li l-principji enuncjati fir-rigward, ghandhom japplikaw ukoll fil-kaz odjern:

> *"F'din il-kawza wiehed jifhem li l-ammont inkwistjoni ma tantx kienet determinabbli meta bdew il-proceduri u ghalhekk aktar rilevanti ghall iskop ta' dan il-kaz, hija s-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet Anthony Turner v. Francis Agius (deciza fit-28 ta' Novembru 2003) fejn il-Qorti ordnat il-hlas tal-imghaxijiet mid-data tal-ewwel sentenza peress li f'dak il-mument l-ammont likwidat kien evidenti ghall-konvenut u l-Qorti jidrilha li ghandha ssegwi din il-gurisprudenza (segwita anke f'sentenzi ohra ricenti ta' din il-Qorti ara per ezempju Tania Vassallo v. Anna Rita Camilleri, deciza 30 ta' Jannar 2014) u tordna li l-imghax jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza tal-Prim'Awla ghall-istess ragunijiet."*

Ghalhekk f'dan il-kaz, ladarba r-responsabbilita` tal-konvenut kienet stabbilita permezz tas-sentenza appellata u ghalkemm din il-Qorti ser tvarja l-ammont ta' danni likwidat, huwa ritenut li l-imghaxijiet f'dan il-kaz ukoll ghandhom jibdew jiddekorru mid-data tas-sentenza tal-ewwel Qorti, peress li din il-prassi li jigi applikat id-deprezzament ta' 10% mhux xi wiehed innovattiv, kwindi l-ammont ta' danni setghu bi ftit ghaqal, jigu stabbiliti. Isegwi li dan it-tielet aggravju tal-konvenut appellant ukoll jimmerita li jintlaqa', kif appena spjegat.

Jonqos li jigi trattat l-ahhar aggravju, dak rigward l-ispejjez tal-intervenut fil-kawza. Din il-Qorti hawn ukoll issib li l-konvenut appellant ghandu ragun, in kwantu l-pozizzjoni ta' l-intervenut fil-kawza a distinzjoni tal-kjamat in kawza, la huwa attur u lanqas konvenut. Hu la jista' jitlob ghall-hlas ta' l-ispejjez tieghu u lanqas jista' jigi kkundannat ghall-ispejjez. (Ara f'dan is-sens is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tad-29 ta' Ottubru, 2010, fil-kawza fl-ismijiet **Alex Azzopardi v. Anna Ellul**). Isegwi li l-kap tal-ispejjez ukoll jimmerita li jigi emendat fis-sens li l-ispejjez tal-intervenut fil-kawza ghandhom jithallsu mill-istess intervenut u mhux mill-konvenut. Ghalhekk din il-Qorti ser taghti l-provvediment opportun f'dan ir-rigward.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet kollha, tiddisponi mill-appell interpost mill-konvenut appellant billi:

(i) tikkonferma s-sentenza appellata tal-20 ta' Marzu, 2014, fl-ismijiet premessi sa fejn iddikjarat lill-konvenut Emmanuel Mifsud unikament responsabbli ghat-telfa tal-coaches BCY-932 u KCY-962, proprjetà tal-atturi konjugi Spiteri u Joseph Mifsud rispettivament;

(ii) tirriforma u tvarja l-istess sentenza in kwantu filwaqt li thassar il-parti tad-danni hemm likwidati, tillikwida minflok id-danni mgarrba mill-atturi fl-ammont ta' erbgha u tmenin elf, disa' mija u hames Ewro u sitta u sittin centezmu (€84,905.66) spettanti lill-atturi appellati Nathaniel u Amanda Spiteri, rapprezentanti l-valur tal-vettura BCY-932, filwaqt li l-ammont ta' erbgha u sebghin elf, mija u tnejn u ghoxrin Ewro u disgha w erbghin centezmu (€74,122.49) jispetta lill-attur appellat Joseph Mifsud, sid il-vettura KCY-962; u tikkundanna lill-konvenut Emmanuel Mifsud sabiex ihallas l-ammonti hekk likwidati lill-atturi kif appena spjegat;

(iii) tvarja s-sentenza appellata wkoll billi tiddikjara li l-imghax fuq l-ammonti likwidati ghandu jiddekorri mid-data tal-ewwel sentenza;

(iv) thassar ukoll il-kap tal-ispejjez u tiddikjara li l-partijiet ghandhom jissaportu l-ispejjez kollha tal-kawza in kwantu ghal nofs da parti tal-atturi appellati solidalment bejniethom u in kwantu ghan-nofs l-iehor a karigu tal-appellant Emmanuel Mifsud, salv dawk tal-intervenuta fil-kawza Motor Insurance Pool, li ghandha tissaporti l-ispejjez taghha.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef | Joseph R. Micallef<br>Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef |

Deputat Registratur
gr